# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 223 - It-Tnejn, 23 ta' Awwissu 2010

Il-Kunsill iltaqa' b'urġenza fl-uffiċċju tiegħu, 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fil-5:30 p.m.

Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci ippreseda.

## PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo
Il-Kunsillier Joseph Sammut
Il-Kunsillier Jesmond Tanti
Il-Kunsilliera Rita Psaila
Il-Kunsillier Nicholas Cassar

Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1. PROĠETT TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU

Is-Sindku spjega lill-Kunsill li din is-seduta qegħda ssir fuq talba ta' tliet kunsilliera u ċjoè l-Viċi Sindku Dr Karol Aquilina u l-Kunsilliera t-Tabib Mark Vassallo u s-Sur Joe Sammut. Il-Viċi Sindku spjega lill-membri tal-Kunsill li t-talba għal seduta b'urġenza tal-Kunsill tressqet sabiex jiġu diskussi u deċiżi numru ta' punti marbuta mal-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi.

Il-Viċi Sindku ta rendikont tal-ħidma li twettqet sallum mill-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Il-Viċi Sindku spjega l-proċess li sar mill-membri tal-Kumitat bl-għajnuna tal-

Periti nkarigati u kien jinvolvi wkoll lid-Dipartiment tal-Anzjani u l-Kura fil-Komunità f'dak li għandu x'jaqsam mat-twaqqif ta' *Day Care Centre* għall-Anzjani.

Il-Viċi Sindku spjega li b'effett minn nhar il-Erbgħa 25 ta' Awwissu 2010 il-Kunsill Lokali Siġġiewi kien ser jibda jopera mill-proprjetà bin-numru 18 fi Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi. Dwar din il-bidla l-Viċi Sindku qal li huwa kien ikkoordina mas-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati kollha tal-Kunsill sabiex jitfassal pjan dwar kif għandha ssir il-bidla. Il-Viċi Sindku qal ukoll li l-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku kien ħa ħsieb javża lir-residenti li l-uffiċji tal-Kunsill Lokali ser jipprovdu servizz limitat matul il-jiem tal-Erbgħa 25 u l-Ħamis 26 ta' Awwissu 2010 u li matul dawn il-jiem il-Kunsill ser ikun qed jopera wkoll servizz ta' emerġenza permezz ta' numru ta' mobile.

Il-Viċi Sindku spjega wkoll li b'konsegwenza tal-fatt li jirriżulta li l-Partit Laburista ser jingħata b'titolu ta' *encroachment* għal ħames snin il-bini li minnu sallum il-Kunsill kien qed jopera minnu u ċjoè dak bin-numru 20 fi Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, il-Kumitat kellu jirrevedi l-pjanijiet tiegħu dwar il-proġett. Il-Viċi Sindku qal li bl-għajnuna tal-Periti kien ġie stabbilit illi huwa meħtieġ li jingħalqu ħames twieqi li jinsabu fil-bini tal-Kunsill u li jagħtu għal fuq il-bitħa tal-proprjetà bin-numru 18 fi Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

Il-Viċi Sindku qal li jeżisti qbil bejn il-partijiet kollha nvoluti nkluż il-Partit Laburista li dawn il-ħames twieqi għandhom jingħalqu u minflok jinfetħu tliet it-twieqi oħra skont kif indikat fil-pjanta li l-Viċi Sindku ppreżenta lill-membri tal-Kunsill u li tinsab mehmuża ma' dawn il-minuti.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar ikkonferma dak li kien spjega l-Viċi Sindku inkluż id-dettalji tal-pjanta ppreżentata lill-membri tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku qal li sabiex ikunu jistgħu jingħalqu l-imsemmija ħames twieqi u minflok jinfetħu t-tliet twieqi huwa meħtieġ li l-Kunsill jikseb il-permess tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA). Għal dan il-għan il-Viċi Sindku talab lill-Kunsill japprova li minnufih tiġi sottomessa applikazzjoni f'dan is-sens lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u għal dan il-għan jinkariga lill-Periti responsabbli mill-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku sabiex japplikaw għall-permess meħtieġ f'isem il-Kunsill. Il-Viċi Sindku talab ukoll lill-Kunsill japprova li jwettaq u jħallas għax-xogħlijiet kollha meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jingħalqu u jinfetħu l-imsemmija twieqi u dan peress li x-xogħol kien ser isir fil-proprjetà tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Il-Viċi-Sindku qal li minbarra l-Kunsill Lokali l-bini sħiħ jinkludi wkoll l-uffiċji tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u l-Berġa tal-Gvern. F'dan ir-rigward il-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku qiegħed jirrakkomanda li l-Kunsill jagħmel dak kollu possibbli sabiex tinħoloq *waiting room* komuni għad-diversi servizzi offruti mill-bini.

F'dan l-istadju il-Viċi Sindku, Dr Karol Aquilina ressaq mozzjoni dwar id-devoluzzjoni tal-Berġa tal-Gvern. Il-mozzjoni taqra hekk:

"Billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi qiegħed fil-preżent jaħdem sabiex iwettaq proġett li permezz tiegħu l-bini bin-numru 18 fi Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi jinbidel f'Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi;

"U billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi huwa konxju li l-proprjetà indikata bil-kulur vjola fil-pjanta li tinsab mehmuża ma' din il-mozzjoni, fil-preżent hija wżata bħala Berġa tal-Gvern li minnha jingħataw diversi servizzi siewja lill-komunità tas-Siġġiewi;

"U billi ftit tas-snin ilu l-Kunsill Lokali Siġġiewi wettaq diversi xogħlijiet ta' rinovazzjoni fl-imsemmija Berġa tal-Gvern u li permezz tagħhom tjieb is-servizz offrut lill-komunità tas-Siġġiewi;

"U billi wara diskussjonijiet li l-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku kellu mad-Dipartiment tal-Anzjani u l-Kura fil-Komunità ġie stabbilit li parti żgħira mill-Berġa tal-Gvern hija meħtieġa sabiex tintuża bħala parti miż-żona prinċipali tad-*Day Care Centre* għall-Anzjani;

"U billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi huwa konxju li l-imsemmija proprjetà li minnha topera l-Berġa tal-Gvern mhix mikrija lill-ebda entità oħra iżda kemm ilu mwaqqaf il-Kunsill Lokali Siġġiewi dejjem kienet taħt ir-responsabbilità tiegħu;

"U billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi jixtieq li s-servizz tal-Berġa tal-Gvern ikun integrat fil-proġett taċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi u dan billi fost oħrajn tinħoloq *waiting room* komuni għaċ-Ċentru Ċiviku bil-konsegwenza li l-ispazju fil-preżent użat bħala *waiting room* fil-Berġa tal-Gvern ikun jista' jintuża aħjar;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum it-Tnejn 23 ta' Awwissu 2010,

"Jirriżolvi li minnufih jitlob lill-Gvern Ċentrali sabiex fl-iqsar żmien possibbli l-proprjetà indikata bil-kulur vjola fil-pjanta li tinsab mehmuża ma' din il-mozzjoni tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali Siġġiewi bl-iskop li tkun tifforma parti integrali mill-proġett taċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi filwaqt li parti żgħira minnu tibda tintuża bħala ż-żona prinċipali tad-*Day Care Centre* għall-Anzjani.

"Jirriżolvi li jwettaq ix-xogħlijiet kollha meħtieġa sabiex fl-eventwalità li l-proprjetà tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali Siġġiewi, il-Berġa tal-Gvern jibqa' jkollha l-faċilitajiet kollha meħtieġa biex ikompli jiġi offrut is-servizz siewi kif dejjem ingħata lill-komunità tas-Siġġiewi.

"Jirriżolvi li b'żieda mar-responsabbilitajiet u d-doveri tal-Kumitat tal-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku mwaqqaf permezz ta' riżoluzzjoni approvata nhar il-Ħamis 8 ta' Ottubru 2009, jinkariga lill-istess Kumitat sabiex iwettaq kwalunkwe ħidma meħtieġa bil-għan li fl-iqsar żmien possibbli jiġi konkluż u iffirmat ftehim formali li permezz tiegħu l-imsemmija proprjeta tiġi devoluta mill-Gvern Ċentrali lill-Kunsill Lokali Siġġiewi kif ukoll kwalunkwe ftehim li jista' jkun meħtieġ li jintlaħaq mad-Dipartiment tas-Saħħa rigward il-Berġa tal-Gvern.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, lill-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani l-Kura fil-Komunità Dr Joe Cassar, lis-

Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku Dr Chris Said, lis-Segretarju Parlamentari għan-Negozji Żgħar u Artijiet Dr Jason Azzopardi u lid-Direttur għal Gvern Lokali s-Sur Martin Bugelli.

Il-Kunsilliera s-Sur Joe Sammut u t-Tabib Mark Vassallo issekondaw il-mozzjoni.

Il-Kunsilllier Nicholas Cassar qal li kemm hu kif ukoll il-Kunsilliera s-Sinjura Rita Psaila u s-Sur Jesmond Tanti ma jaqblux ma' din il-mozzjoni. Dan għaliex fil-fehma tagħhom fil-post il-ġdid tal-Kunsill hemm kobor biżżejjed u għalhekk ma hemmx ħtieġa ta' aktar spazju.

Wara diskussjoni qasira dwar il-mozzjoni, is-Sindku ressaqha għall-vot, bl-eżitu jkun:

Voti favur: Erbgħa (4)
Voti kontra: Tlieta (3)

Is-Sindku ddikjara li l-mozzjoni kienet għaddiet. Il-Viċi Sindku talab li jiġi rreġistrat kif ivvutaw il-membri.

Ivvutaw favur: Il-Perit Robert Musumeci, l-Avukat Karol Aquilina, it-Tabib Mark Vassallo u s-Sur Joe Sammut.
Ivvutaw kontra: Is-Sur Nicholas Cassar, is-Sinjura Rita Psaila, u s-Sur Jesmond Tanti.

Il-Viċi Sindku spjega wkoll li l-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku kien qiegħed jirrakkomanda li l-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni ta' parti mill-Għassa tal-Pulizija li jirriżulta b'mod ċar li mhix qegħda tkun ta' l-ebda użu mill-Korp tal-Pulizija.

Il-Viċi Sindku żied ukoll li minħabba l-iżvilupp marbuta mal-għoti ta' dritt ta' *encroachment* lill-Partit Laburista fir-rigward tal-bini sallum użat mill-Kunsill, il-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku kellu bilfors jirrevedi l-pjanijiet tiegħu b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-installazzjoni ta' *lift* fil-proprjetà.

Il-Viċi Sindku fakkar lill-membri tal-Kunsill kif lura ftit tas-snin ilu l-Kunsill kien qabel b'mod unanimu li jagħmel talba lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex parti mill-Għassa tal-Pulizija tgħaddi f'idejn il-Kunsill Lokali sabiex jibda juża għall-bżonnijiet tal-komunità. Huwa kompla jgħid li dak iż-żmien it-talba kienet ġiet miċħuda possibbilment minħabba li l-aċċess għall-proprjetà kien diffiċli. Il-Viċi Sindku qal li issa l-Kunsill kien ser ikollu f'idejh il-proprjetà bin-numru 18 fi Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, ir-raġuni għalfejn it-talba tal-Kunsill kienet ġiet miċħuda m'għadhiex aktar waħda valida.

F'dan l-istadju l-Viċi Sindku Dr Karol Aquilina ressaq mozzjoni dwar id-devoluzzjoni ta' parti mill-Għassa tal-Pulizija fis-Siġġiewi. Il-mozzjoni taqra hekk:

"Billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi qiegħed fil-preżent jaħdem sabiex iwettaq proġett li permezz tiegħu l-bini bin-numru 18 fi Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi jinbidel f'Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi;

"U billi wara diskussjonijiet li l-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku kellu mad-Dipartiment tal-Anzjani u l-Kura fil-Komunità ġie stabbilit li wħud mill-faċilitajiet meħtieġa sabiex jibda jopera *Day Care Centre* għall-Anzjani għandhom jiġu akkomodati biswit iż-żona prinċipali tad-*Day Care Centre* għall-Anzjani;

"U billi l-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku bl-għajnuna tad-Dipartiment tal-Anzjani u l-Kura fil-Komunità identifika l-proprjetà indikata bil-kulur vjola fil-pjanta li tinsab mehmuża ma' din il-mozzjoni bħala l-proprjetà li għandha takkomoda wħud mill-faċilitajiet meħtieġa sabiex jibda jopera *Day Care Centre* għall-Anzjani;

"U billi huwa meħtieġ ukoll li bħala parti mill-proġett taċ-Ċentru Ċiviku jiġi nstallat *lift* li permezz tiegħu l-proprjetà kollha tkun aċċessibbli għal persuni bi bżonnijet speċjali u għal persuni anzjani kif inhu l-obbligu tal-Kunsill Lokali skont il-liġi;

"U billi l-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku identifika parti mill-proprjetà indikata bil-kulur vjola fil-pjanta li tinsab mehmuża ma' din il-mozzjoni bħala l-proprjetà li fiha għandu jista' jiġi nstallat l-imsemmi *lift*;

"U billi l-imsemmija proprjetà tifforma parti minn proprjetà akbar li fil-preżent tinsab mikrija mid-Dipartiment tal-Artijiet lill-Korp tal-Pulizija bl-aċċess għaliha jinsab fl-Għassa tal-Pulizija fil-lokalità tas-Siġġiewi;

"U billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi huwa konxju li l-parti mill-proprjetà hawn fuq indikata mhix qegħda u qatt ma kienet ta' ebda użu mill-Korp tal-Pulizija u għaldaqstant mhi qegħda tkun ta' l-ebda benefiċċju għall-komunità tas-Siġġiewi;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum it-Tnejn 23 ta' Awwissu 2010,

"Jirriżolvi li minnufih jitlob lill-Gvern Ċentrali sabiex fl-iqsar żmien possibbli l-proprjetà indikata bil-kulur vjola fil-pjanta li tinsab mehmuża ma' din il-mozzjoni tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali Siġġiewi bl-iskop li tkun tifforma parti mill-proġett taċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi u b'mod partikolari sabiex fiha jkunu akkomodati wħud mis-servizzi meħtieġa għall-iżvilupp ta' *Day Care Centre* għall-Anzjani kif ukoll sabiex jiġi nstallat *lift* li jirrendi l-proprjetà kollha aċċessibbli għal persuni bi bżonnijet speċjali u għal persuni anzjani.

"Jirriżolvi li jappella lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex mill-aktar fis possibbli jagħti l-kunsens tiegħu bil-għan li l-proprjetà hawn fuq indikata tgħaddi għall-użu tal-Kunsill Lokali Siġġiewi kif spjegat f'din il-mozzjoni.

"Jirriżolvi li jwettaq ix-xogħlijiet kollha meħtieġa sabiex fl-eventwalità li l-proprjetà tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali Siġġiewi, il-Korp tal-Pulizija jibqa' jkollu l-faċilitajiet kollha meħtieġa biex ikompli joffri s-servizz siewi kif dejjem ta lill-komunità tas-Siġġiewi.

"Jirriżolvi li b'żieda mar-responsabbilitajiet u d-doveri tal-Kumitat tal-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku mwaqqaf permezz ta' riżoluzzjoni approvata nhar il-Ħamis 8 ta' Ottubru 2009, jinkariga lill-istess Kumitat sabiex iwettaq kwalunkwe ħidma meħtieġa bil-għan fl-iqsar żmien possibbli jiġi konkluż u iffirmat ftehim formali li permezz tiegħu l-imsemmija proprjeta

tiġi devoluta mill-Gvern Ċentrali lill-Kunsill Lokali Siġġiewi kif ukoll kwalunkwe ftehim li jista' jkun meħtieġ li jintlaħaq mal-Korp tal-Pulizija dwar l-Għassa tal-Pulizija fis-Siġġiewi.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, lill-Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern Dr Carmelo Mifsud Bonnici, lis-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku Dr Chris Said, lis-Segretarju Parlamentari għan-Negozji Żgħar u Artijiet Dr Jason Azzopardi, lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo u lid-Direttur għal Gvern Lokali s-Sur Martin Bugelli."

Il-Kunsilliera s-Sur Joe Sammut u t-Tabib Mark Vassallo issekondaw il-mozzjoni.

Il-Kunsillier Nikol Cassar qal li kemm hu kif ukoll il-Kunsilliera s-Sinjura Rita Psaila u s-Sur Jesmond Tanti ma jaqblux ma' din il-mozzjoni. Dan għaliex fil-fehma tagħhom fil-post il-ġdid tal-Kunsill hemm kobor biżżejjed u għalhekk ma hemmx ħtieġa ta' aktar spazju. Il-Viċi Sindku rrimarka li l-Kunsilliera Cassar, Psaila u Tanti kienu qegħdin jaġixxu b'mod inkonsistenti peress li fil-passat kienu qablu mat-talba li kien għamel il-Kunsill sabiex parti mill-Għassa tal-Pulizija tgħaddi għand il-Kunsill Lokali.

Wara diskussjoni qasira dwar il-mozzjoni, is-Sindku ressaqha għall-vot, bl-eżitu jkun:

Voti favur: Erbgħa (4)
Voti kontra: Tlieta (3)

Is-Sindku ddikjara li l-mozzjoni kienet għaddiet. Il-Viċi Sindku talab li jiġi rreġistrat kif ivvutaw il-membri.

Ivvutaw favur: Il-Perit Robert Musumeci, l-Avukat Karol Aquilina, it-Tabib Mark Vassallo u s-Sur Joe Sammut.
Ivvutaw kontra: Is-Sur Nicholas Cassar, is-Sinjura Rita Psaila, u s-Sur Jesmond Tanti.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku ddikjara s-Seduta bħala magħluqa fis-7:30pm. Il-Kunsill unanimament qabel.

| | |
|---|---|
| **Il-Perit Robert Musumeci** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum 9 ta' Settembru 2010**